# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


**Seduta numru 43 tas-Sitt Leġislatura**
**Illum it-Tnejn 23 ta' April 2012**

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Analiżi ta' Festa Frawli 2012
5. Analiżi tal-Konferenza Cypfire
6. Proġetti attwali mal-perit tal-Kunsill
7. Tenders u Kwotazzjonijiet
8. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsilliera Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


2.2 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.3 Ġew innuttati diversi korrispondenzi mingħand il-MEPA, fosthom isposta dwar punti mressqa mill-Kunsill dwar il-proposta tal-MEPA dwar Triq l-Imqades fiż-Żebbiegħ.

2.4 Korrispondenza mingħand Hugh Arnett dwar it-traffiku fi' Triq Sir Harry Luke.

2.5 Korrispondenza mingġand il-Perit Martin Farrugia dwar ir-re-allokazzjoni tal-pompa tal-petrol mill-pjazza lejn il-post il-ġdid fiż-Żebbiegħ.

2.6 Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar ir-rottot ġodda tal-Arriva fl-Imġarr.

2.7 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar ix-xogħol ta' tarmac li jsir wara xogħlijiet tal-WSC. Saret diskussjoni u ġie deċiż li dan ix-xogħol għandu jsir mill-WSC. L-AKL ser tiġi infurmata b' din id-deċiżjoni.

2.8 Korrispondenza mingħand Clayton Zammit ta' Hive Systems bil-proposta tal-logo ġdid tal-Kunsill. Dawn ġew diskussi u approvati u ser issir laqgħa mas-Sur Zammit biex jitfassal pjan għall-paġna eletronika ġdida tal-Kunsill.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li ġiet iċċirkolata is-sejħa għall-post ta' skrivan/a mal-Kunsill fost il-Kunsill Lokali u r-Reġjuni kollha ta' Malta u Għawdex, irriżulta li ma waslet l-ebda' applikazzjoni għall-dan il-post. Għaldaqstant kemm id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll l-ETC ser jiġu infurmati b' dan biex jittieħdu l-passi li jmiss skond il-proċeduri stabilliti.

## 4. Analiżi ta' Festa Frawli 2012

4.1 Saret analiżi ta' Festa Frawli ta' din is-sena.

4.2 Is-Sindku informa li qabel l-avveniment saret laqgħa bejn il-Kunsill, Transport Malta, l-Arriva u l-Pulizija dwar l-immaniġġjar tat-traffiku.

4.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci kien responsabbli minn dan is-settur. Hu semma' li kien hemm titjib fl-immanniġġjar tat-traffiku u li kien qed jipproponi biex is-sena d-dieħla tintbgħat mappa bl-arranġamenti tat-traffiku minn kmieni sabiex ir-residenti jkunu infurmati sew u jkunu jistgħu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

4.4 Kien hemm rispons tajjeb ħafna għall-mod kif sar l-arranġament tat-traffiku għall-din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm residenti li ċemplu biex jirringrazzjaw lill-Kunsill peress li kien hemm titjieb mis-snin imgħoddija.

4.5 Is-Sindku wera' l-apprezzament tal-Kunsill lejn kull min kien involut f' dan l-avveniment u enfassiza l-għajnuna ta' €2500 li waslu mill-iskema tal-attiviatijiet tal-Gvern. Dawn il-flus għenu sostanzajalment biex dan l-avveniment tant popolari jkun jista' jiġi organizzat aħjar.

## 5. Analiżi tal-Konferenza Cypfire

5.1 Il-Kunsillier Eman Vella ippreżenta analizi ta' kif maret il-konferenza tal-proġett MED, Cypfire li saret Malta bejn is-16 u d-19 t' April.

5.2 Matul din il-konferenza sar diversi attivitajiet, fosthom:

- Il-'progress meeting' fil-bini tal-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali
- Seminar dwar is-siġar taċ-ċipress u l-istudju dwaru fil-BellaVista Hotel, li għalih attendew 27 ruħ;
- Tliet 'on-site visits' fl-imsaġar tal-Ġnejna u Tal-Ballut, kif ukoll għand l-ELC.
- Ikla għall-partners tal-proġett fir-restaurant 'Dine West' ta' l-Imġarr (hawnhekk ġie rrimarkat li l-Kunsill juża' sistema li jdur id-diversi stabbillimenti tal-ikel fil-lokalita' b' sistema ta' rotation kull darba li jkun hemm il-bżonn).
- Ser jidher artiklu dwar din il-konferenza fil-ħarġa tal-Ħadd tat-Times of Malta;

5.3 Issemma' li l-partners barranin kienu kuntenti ħafna bil-livell ta' organizzazjoni ta' din il-konferenza u kellhom kliem ta' tifħir.

5.4 Il-laqgħa li jmiss ta' dan il-proġett ser issir f' Valencia, Spanja għall-ħabta ta' Settembru – Ottubru li ġej.

## 6. Proġetti attwali mal-perit tal-Kunsill

6.1 Sar rendikont tax-xogħolijiet infrastrutturali li l-Kunsill għandu pendenti mal-periti. Dawn huma:

- Il-proġett tal-bankini ta' Triq Fisher li ser issiru b' fondi tal-iskema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalita;
- Il-proġett ta' żona ta' parkeġġ fi' Triq il-Kbira;
- Il-proġett tal-lattrini pubbliċi fil-bajja tal-Ġnejna;

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

- Il-proġett tal-bandli u parkeġġ ta' Wesgħat il-Ġublew (bil-fondi tal-Urban Develpment Fund);
- Il-proġett ta' Park f' Ta' Darrenzi;
- Il-proġett tal-Ġnien tal-Housing Estate fi' Triq il-Banjijiet Rumani (bil-fondi tal-Awtorita' tad-Djar għall-oqsma tal-binjiet tal-Gvern);
- Il-proġett tal-rinnovazzjoni u afforestazzjoni fl-inħawi ta' Tal-Għasfura, limiti ta' Fomm ir-Riħ.

6.2 Dwar il-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew, is-sindku informa li l-perit Etienne Magri ta' DTR kien ressaq il-pjanti (li ġew ppresentati u diskussi waqt din is-seduta). Dawn il-pjanti ġew approvati u l-perit kien ser jiġi infurmati ħalli jibda' l-proċess skond il-proċeduri stabiliti.

## 7. Tenders u Kwotazzjonijiet

7.1 Ġie diskuss il-bżonn li tissejjaħ talba għall-offerti u kwotazzjonijiet ta' diversi servizzi. Dawn huma :

- Tender : materjal tal-instant road-repair;
- Tender : Servizz ta' Accontant mal-Kunsill;
- Tender : Servizz ta' bini u manteniment ta' Fixed-Asset Register;
- Tender : Servizz ta' manutenżjoni tal-aperturi tal-injam tal-uffiċċju amministrattiv;
- Kwotazzjoni : Aperturi tal-aluminium għad-Day –Care Centre;
- Kwotazzjoni : Micro-Blinds għad-Day-Care Centre;
- Kwotazzjoni : Servizz ta' ipprintjar ta' materjal għall-amministrazzjoni;
- Kwotazzjoni : Servizz ta' Sigurta' għad-depożiti bankarji;
- Kwotazzjoni : Materjal ta' stationery u karti għall-amministrazzjoni;

Din il-lista ġiet approvata.

## 8. Affarijiet Mixxellanji

8.1 Is-Sindku semma' li kien qed jipproponi li Triq l-Iskavi ssir 'one-way' bit-traffiku jinżel 'l isfel biss. Dan minħabba raġunijiet ta' sigurta' kemm għas-sewwieqa kif ukoll għan-nies li jgħaddu minn din it-triq. Saret diskussjoni u kien hemm qbil unanimu dwar dan. Għalhekk ser jitqabbad studju mis-Sur Hugh Arnett dwar din il-proposta kif ukoll ta' sistema ta' 'one-way's oħra fl-istess żona.

8.2 Saret diskussjoni dwar l-avveniment 'Ħidmet Missirijietna' li ser isir fit-22 ta' Ġunju ien hemm qbil li dak in-nhar ukoll ssir il-ħuġġieġa tradizzjonali ta' San Ġwann.

8.3 Is-Sindku informa li kienet ser isir tibdil fir-rotta tal-purċissjoni ta' Santa Marija. Dan sere ikollu riperkussjoni fuq l-immanniġġjar tat-traffiku u fuq il-ħruġ ta'

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

permessi ta' gabanni u stabillimenti tal-ikel min-naħa tal-Kunsill. Għaldqastan, il-Kunsill ser ikun qed jevalwa u jara x' l-aħjar li jsir fiċ-ċirkostanzi.

8.4 Is-Sindku semma' kif wara li tqassmu numru konsiderevoli ta' pjanti biex jissebbħu l-faċċati tal-lokalita', kien hemm talba oħra ta' madwar 35 pjanta mingħand residenti li ma laħqux. Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-Kunsill jixtri dawn il-pjanti (bil-prezz ta' €35 –il waħda) biex iqassamhom lil dawn li talbuhom.

8.5 Is-Sindku informa li kien irċieva talba sabiex, b' mod temporanju, il-Kunsill joffri spazju fil-bini amministattiv biex isiru lezzjonijiet tal-banda għall-allievi. Saret diskussjoni u kien hemm qbil dwar dan. Ġie stabilit li dan isir nhar ta' Erbgħa bejn l-4:30pm u s-6:00pm.

8.6 Giovanni Gatt semma' li kien hemm bżonn li jinżabru s-siġar tal-lewż li hemm fi Triq il-Ħaddedin. Ser jintbgħatu l-handiment tal-Kunsill biex jagħmlu dan ix-xogħol.

8.7 Eman Vella informa dwar l-attivita' li ser issir fis-6 ta' Mejju biex jitfakkru l-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija. Ser issir quddiesa, purċissjoni qasira u tqegħid ta' fjuri mal-monument ta' l-istess tifkira.

8.8 Clayton Gauci ppropona li għandhom jiġu avviċinati xi żgħażagħ biex iġorru l-istantard tal-Kunsill fl-attivitajiet uffiċċjali. Ġew imressqa xi ismijiet ta' indivdwi biex jiġi kkunsidrati. Kien hemm qbil dwar dan.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-7 :40pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku